MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 620/2001/1

**Bank of Valletta p.l.c.**

**-vs-**

**1. Merger Enterprises Limited;**
**2. Reno u Mary mizzewgin Grech.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fis-16 ta' April, 2001 li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'zewg kuntratti in atti Nutar Dottor Pierre Falzon, datati 31 ta' Mejju, 1990 u 5 ta' Lulju, 1994 (Dok. "A" u Dok. "B") is-socjeta' attrici Bank of

Valletta p.l.c. ikkoncediet “Overdraft Facility” lis-socjeta’ konvenuta Merger Enterprises Limited.

Illi s-socjeta’ attrici tinsab kreditrici tas-socjeta’ konvenuta Merger Enterprises Limited fl-ammont ta’ tmienja u erbghin elf, seba’ mija u seba’ Liri Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm48,707.85) bilanc ghad-debitu fl-“Overdraft Account” tas-socjeta’ konvenuta Merger Enterprises Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “C1” sa “C96”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-1 t’Ottubru, 2000 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija f’zewg skritturi privati datati 8 t’April 1991, 13 ta’ Frar 1993, u 28 t’Ottubru, 1993 (Dok. “D”, Dok. “E” u Dok “F”) il-konvenuti Reno Grech iggarantixxa sal-valur ta’ tletin elf Liri Maltin (Lm30,000.00) flimkien u “in solidum” mas-socjeta’ konvenuta merger Enterprises Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti ta’ l-istess socjeta’ konvenuta Merger Enterprises Limited mas-socjeta’ Bank of Valletta p.l.c.

U illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta’ zewg ittri ufficjali datati 5 ta’ Gunju, 2000 u 21 ta’ Dicembru, 1998 li qed jigu hawn esebiti u markati Dok “G”, u Dok. “H”, sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta Merger Enterprises Limited thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmienja u erbghin elf, seba’ mija u seba’ Liri Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm48,707.85) bilanc ghad-debitu fl-“Overdraft Account” tas-socjeta’ konvenuta Merger Enterprises Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “C1” sa “C96”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-1 t’Ottubru, 2000 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

2. Tikkundanna lill-konvenuti Reno u Mary mizzewgin Cutajar ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tletin elf Liri Maltin (Lm30,000.00) somma garantita mill-imsemmija konvenuti, ghad-debitu fl-"Overdraft Account" tas-socjeta' konvenuta Merger Enterprises Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "C1" sa "C96") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 t'Ottubru, 2000 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri ufficjali datati 5 ta' Gunju, 2000 u 21 ta' Dicembru, 1998 kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici mahlufa mill-P.L. Joseph Zammit I.D 19834(G) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet apprezentata fl-14 t'Awissu 2001 li permezz taghha l-konvenuta Mary Grech eccepiet:

1. Illi l-eccipjenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju billi c-citazzjoni fl-ismijiet premessi fil-konfront taghha ma fiha ebda kawzali u ghalhekk hija nulla fil-konfront taghha.

2. Illi fil-konfront taghha t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fil-ligi billi:

(a) il-konvenut Reno Grech ta l-garanzija u ghamel id-dejn fil-kors tan-negozju tieghu u ghalhekk baqghet vestita fih wahdu;

(b) inoltre dan id-dejn ta' Reno Grech u l-garanzija moghtija minnu saru biex l-istess Reno Grech fl-interess tieghu biex jehles hwejgu u jkabbar il-valur taghhom u cjoe' ghal kawzi li ghalihom hu tenut esklussivament l-istess Reno Grech; u

(c) inoltre l-garanzija inghatat minn Reno Grech minghajr il-kunsens tal-eccipjenti, anzi bi frodi tad-drittijiet taghha kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi f’kull kaz u bla pregudizzju ghas-sueccepit il-bedi tad-debitur principali ipotekati favur l-attur jiswew aktar mill-valur tal-garanzija, u ghalhekk ghandu qabel xejn jigi eskuss id-debitur principali fuq il-beni tieghu. Fin-nuqqas il-garanti li jigi mgieghel ihallas ghandu jigi surrogat fil-jeddijiet, ipoteki u privileggi ta’ l-attur, u f’kaz li dan ma jkunx jista’ jsir, il-garanti ghandu jigi mehlus mill-obbligazzjoni tieghu.

4. Illi inoltre id-dejn pretiz ghandu jigi verifikat.

5. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat li l-konvenuti Reno Grech u s-socjeta’ Merger Enterprises Limited ma ppresentawx in-nota tal-eccezzjonijiet u kwindi baqghu kontumaci skond il-Ligi.

Rat l-atti processwali.

Semghet ix-xhieda tal-Prokuratur Legali Joseph Zammit.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta’ Gunju 2004 illi permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza, wara li trattaw l-Avukati.

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta hija fis-sens li c-citazzjoni ma fihiex kawzali fil-konfronti taghha u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Fil-verita’ fic-citazzjoni ma hemm ebda indikazzjoni ghaliex il-konvenuta giet citata izda billi kemm fic-citazzjoni u fid-dikjarazzjoni u anke fit-

talbiet il-konvenuti gew indikati bhala mizzewgin allura il-Qorti ma tarax ghaliex ghandha tfettaq fuq dan il-fatt ghaliex hu allura car li l-konvenuta qed tigi mharrka ghaliex hija mart il-konvenut li ffirma l-garanzija in kwistjoni. Fil-fatt il-Qorti anke ser tissorvola l-fatt li fit-tielet talba il-konvenuti gew erronjament indikati bhala Cutajar ghaliex hu car li dan hu zball u li hu importanti li gew indikati tajjeb fic-citazzjoni. Dan anke in vista tal-fatt li l-konvenuta ma eccepitx dan u li l-unici konvenuti mizzewgin huma l-konjugi Grech. Ghalhekk il-Qorti tichad din l-eccezzjoni.

L-eccezzjoni principali hija li kien il-konvenut wahdu li ta l-garanzija in kwistjoni. Allura l-konvenuta qed targumenta li hija ma ghandhiex tkun tenuta tkun garanti bil-proprjeta' taghha ghal dan id-dejn li sar fuq negozju li kien gestit kompletament mill-konvenut. Il-garanziji bankarji, in effetti, gew iffirmati fl-1991 u fi Frar u Ottubru 1993 u allura meta kien ghadu vigenti l-artiklu 1318 tal-Kap. 16 li gie emendat b'effett minn Dicembru 1993. Dan l-Artiklu kien jghid;

*(ir-ragel) ma jistax jittrasferixxi jew jipoteka dawk l-akkwisti minghajr il-kunsens tal-mara hlief b'titolu omeruz jew biex iwettaq l-obligazzjonijiet li ghandu skond il-Ligi.*

Il-Qorti tal-Appell f'sentenza ricenti (<u>Noel Mallia et vs Alphonse Anastasi et</u> deciza fl-1 ta' Ottubru 2004) qalet li qabel l-1 ta' Dicembru 1993;

*Ir-ragel kien jamministra l-komunjoni tal-akkwisti wahdu in omagg tal-principju li maritus vivit ut dominus, moritur ut socius u li uxor non est socia sed speratur fare. Il-kontroll tar-ragel kien assolut, tant li gie li kien jissejjah kap u padrun tal-komunjoni. Il-proprjeta' parafernali tar-ragel u l-proprjeta' tal-komunjoni kienu konfuzi flimkien tant li r-ragel ghal tul il-hajja tal-komunjoni kien jitqies bhala l-proprjetarju tal-oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwsiti (ara per ezempju d-*

*decizjoni ta' din il-Qorti fil-kawza* Debono vs Mercieca *riportata fil-volum XXXIV-II-503).*

*Bl-Att numru XLVI tal-1973 kienet saret emenda li kienet iddghajjef ftit il-poter tar-ragel; dan baqa' amministratur komplet u wahdu tal-komunjoni tal-akkwisti, izda ma setghax iktar jaghti donazzjonijiet minghajr il-kunsens ta' martu. L-ghoti ta' garanzija personali ma gietx pero' milquta b'dik l-emenda. Dik l-emenda kienet tkopri trasferiment u l-ghoti ta' ipoteka b'mod gratwitu mhux l-ghoti ta' garanzija personali. Li setghet allura tinghata mir-ragel wahdu kemm b'titolu gratwitu kif ukoll b'titolu oneruz (ara* Mamo noe vs Abela et *deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fl-20 ta' Marzu 1990). Sentenza tal-istess Qorti fl-istess sens kienet* Borg vs Borg et *deciza fl-14 ta' Gunju 1994 fejn inghad li garanzija personali ffirmata mir-ragel biss kien valida u torbot il-komunjoni tal-akkwisti u ma kienitx mehtiega l-firma tal-mara.*

Kif jidher car dan ir-ragunament tal-Qorti tal-Appell japplika *in toto* ghal din il-kawza. Fir-rigward tal-fatt li l-konvenuta qed tallega li l-garanzija inghatat bi frodi ghad-drittijiet taghha din certament ma tistax tigi eccepita fil-konfront tal-bank attur u jekk kien hemm xi element simili dan kien ikun attribwibbli lill-konvenut. Ghalhekk il-Qorti m'hijiex ser tindaga ulterjorment. Ghalhekk it-tieni eccezzjoni ukoll hija respinta.

Fir-rigward tar-raba' eccezzjoni, il-Qorti qed taghmel riferenza ghall-kawza fl-ismijiet Bank of Valletta vs Wilclaud Company Limited et deciza fit-3 ta' Ottubru 2003 fejn intqal;

*Jekk il-Qorti tifhem sew dak li kien l-intendiment ta' dawn il-konvenuti, dawn donnhom qed jivventilaw il-beneficcju tal-eskussjoni propunjat fl-Artikolu 1934 tal-Kodici Civili jigifieri;*

*Il-garanti hu obligat biss ihallas meta jonqos id-debitur principali illi qabel xejn ghandu jigi eskuss fuq il-beni tieghu.*

*Din il-Qorti assolutament ma tistax taccetta din id-difiza. Dan ghas-semplici mottiv illi kif jinghad immedjatament fid-dispost sussegwenti, ex artikolu 1935 (1) il-beneficcju tal-eskussjoni ma jghoddx jekk il-garanti jkun obliga ruhu in solidum mad-debitur (Sub-paragrafu B tieghu) kif hekk proprjament jirrizulta f' dan il-kaz.*

*Dippju kif rakkolt mill-gurisprudenza anke jekk mhux direttament mil-Ligi, l-escussione eccepita dal' fidejussore o del terzo possessor non deve esere troppo lungo o troppo difficile ma deve essere breve e facile (Bencini vs Azzopardi Prim Awla tal-Qorti Civili 22 ta' Marzu 1923).*

*Li jfisser li fejn l-oggett indikat mill-garanti jkun tali li jinvolvi eskussjoni difficli u prolungata, il-beneficcju tal-eskussjoni ma ghandhiex tigi rittrattenuta (Vide Demanuele vs Ellul Sullivan Appell 27 ta' Gunju 1997).*

*.... Il-garanzija moghtija .... hija wahda solidali. Dan ifisser illi hu imholli ghad-diskrezzjoni assoluta tal-kreditur li jipprocedi kontra kull wiehed mid-debituri in solidum u d-debitur ma ghandux dritt iressaq l-eccezzjoni tal-beneficcju tal-eskussjoni. Dan jipprovdi ghalih ukoll l-Artikolu 1096 tal-Kodici Civili.*

Illi dan kollu japplika ghal din il-kawza u din il-Qorti qed taghmel taghha dawn il-kostatazzjonijiet u tichad ukoll din l-eccezzjoni. L-iskritturi in kwistjoni jaghmluha cara li l-garanzija accettata mill-konvenut rabtitu solidalment mas-socjeta' konvenuta.

Kwantu imbaghad ghall-ammont dovut, il-konvenuta ma rribattiet b'ebda mod li l-ammont pretuz hu dovut u del resto dan l-istess ammont hu pruvat mid-dokumenti

esebiti mill-bank. Kien jispetta lill-konvenuti allura jressqu l-provi dwar xi hlasijiet li setghu saru.

**Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u fil-kontumacja tal-konvenuti l-ohra, tilqa' t-talbiet kollha attrici u ghalhekk,**

**1. Tikkundanna s-socjeta' konvenuta Merger Enterprises Limited thallas lill-bank attur is-somma ta' tmienja u erbghin elf, sebgha mija u sebgha liri Maltin u hamsa u tmenin centesmu (Lm48,707.85) u imghaxijiet ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 2000 sad-data tal-pagament effettiv;**

**2. Tikkundanna lill-konvenuti konjugi Grech ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tletin elf lira Maltin (Lm30,000) bhala somma garantita mill-ammont ikbar dovut mis-socjeta' konvenuta u imghaxijiet mill-1 ta' Ottubru 2000;**

**L-ispejjes jithallsu mill-konvenuti Merger Enterprises Limited u Reno Grech, barra dawk tal-konvenuta illi jithallsu minnha stess.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------